



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Petizzjonijiet

2009/2002B(BUD)

2.10.2009

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena
finanzjarja 2010, Taqsima VIII - Ombudsman Ewropew
(C6-0000/2009 – 2009/2002B(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Margrete Auken

PA_NonLeg

ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet ħa nota tal-istimi tal-Ombudsman Ewropew tar-rekwiżiti baġitarji tiegħu għas-sena finanzjarja 2010, li ppreżenta lill-awtorità tal-baġit skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju¹.

L-Ombudsman Ewropew għandu dawn il-kompiti fundamentali li ġejjin:

- jikkoreġi u jipprevjeni l-amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-istituzzjonijiet u tal-korpi Komunitarji permezz tal-ġestjoni tal-ilmenti u l-eżekuzzjoni ta' inkjesti, kemm abbażi ta' ilmenti kif ukoll fuq inizzjattiva personali;
- jikkomunika b'mod effikaċi maċ-ċittadini Ewropej biex jinfurmahom bi drittijiethom skont il-leġiżlazzjoni Komunitarja u jippromwovi rimedji effikaċi għall-ħarsien ta' dawn id-drittijiet.

Fl-eżekuzzjoni ta' dawn il-kompiti l-Ombudsman huwa megħjun minn segretarjat li, barra milli jittratta l-ilmenti u l-inkjesti, jiżvolġi wkoll kompiti orizzontali ta' amministrazzjoni u ġestjoni bil-għan li jiggarantixxi t-tmexxija ġenerali tal-istituzzjoni. Fost dawn il-kompiti nsibu l-ġestjoni tal-baġit, tal-finanzi u tal-persunal, il-korrispondenza maċ-ċittadini, il-ġestjoni informatika, ir-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet oħra, eċċ.

Ammont ta' xogħol

Fl-2008 l-Ombudsman irċieva 3 406 ilmenti ġodda (3 214 fl-2007) li minnhom 802 (25%) kienu jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħu. Minnhom, 281 kienu inammissibbli u 228, minkejja kienu ammissibbli, ma kellhom l-ebda bażi biex tinfetaħ inkjesta. Infetħet inkjesta f'293 każ (9.1%). L-Ombudsman fetaħ ukoll 3 inkjesti fuq inizzjattiva personali u ppubblika Rapport Speċjali wieħed.

Fis-70% tal-każijiet eżaminati fl-2008 ngħatat konsulenza jew il-każ ġie trasferit lil membru tan-Netwerk tal-Ombudsmen, SOLVIT jew lil korpi oħra ta' ġestjoni tal-ilmenti fl-Istati Membri. L-Ombudsman irrefera 191 każ lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet.

Fl-2008 l-Ombudsman għalaq 355 inkjesta (350 fl-2007), b'hekk is-sena 2008 kienet l-aħjar fl-istorja tal-Ombudsman fir-rigward tal-inkjesti magħluqa. Is-sena 2008 kienet ukoll l-aħjar sena fir-rigward tan-numru ta' abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet u soluzzjonijiet bonarji proposti u aċċettati. Barra minn hekk żdied ir-ritmu tal-eżekuzzjoni tal-inkjesti. Attwalment 52% tal-inkjesti jingħalqu fi żmien sena u 68% fi żmien sena u nofs.

Karatteristiċi ewlenin tal-baġit 2010

L-istimi tal-Ombudsman Ewropew għall-2010 jammontaw għal total ta' EUR 9,543,000, jiġifieri żieda ta' 7.14% (+ EUR 636,120) meta mqabbel mal-baġit tal-2009. Dan l-ammont jinkludi l-impatt tal-inflazzjoni u ż-żieda fl-għoli tal-ħajja mbassra mill-Kummissjoni.

Ammont ta' EUR 296,000 huwa diġà parzjalment inkluż fil-baġit tal-2009 biex jieħu kont tal-konsegwenzi eventwali tal-elezzjonijiet ta' Ombudsman ġdid. Dawn l-appropriazzjonijiet

¹ Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.09.2002, p. 1).

aktarx ikunu meħtieġa biex ikunu affaċċjati l-konsegwenzi finanzjarji tat-tluq possibbli tal-Ombudsman attwali u tal-elezzjoni ta' Ombudsman ġdid.

L-organigramma tal-Ombudsman fih 63 post (34 AD u 29 AST). Il-kapitolu tal-baġit għall-uffiċjali u l-aġenti temporanji juri żieda ta' 9.56% (+ EUR 545,120). Din iż-żieda se tintuża għall-finanzjament tal-impatt fuq sena sħiħa tas-6 postijiet ġodda mogħtija fl-2009, l-ispejjeż tal-aġġustamenti annwali u tal-promozzjonijiet u tal-avvanzi fil-grad (3 AST u 2 AD) mitluba għall-2010. L-Ombudsman ma talabx postijiet ġodda għall-2010.

Politika fil-qasam tat-taħriġ

Element importanti tal-istimi għall-2010 huwa ż-żieda sostanzjali mitluba għat-taħriġ. L-Ombudsman iddeċieda li jimplimenta politika ġdida fil-qasam tat-taħriġ billi l-istatistika wriet li l-persunal tiegħu, bħala medja, jirċievi konsiderevolment inqas taħriġ (1.8 ijiem) meta mqabbel ma' dak tal-uffiċjali fl-istituzzjonijiet l-oħra. Madwar 70% tal-persunal tal-Ombudsman jaħdem fi Strasburg u għalhekk jinsab f'pożizzjoni inqas favorevoli biex jibbenefika minn korsijiet ta' taħriġ organizzati fil-Lussemburgu u fi Brussell. Dan il-fattur ġeografiku għandu impatt sinifikanti wkoll f'termini ta' spejjeż tal-missjoni. L-Ombudsman għaldaqstant jitlob żieda ta' EUR 28,000 fil-baġit tiegħu għat-taħriġ.

Iffrankar u allokazżjoni mill-ġdid

L-Ombudsman jeżamina sistematikament kull linja tal-baġit bil-għan li jiffranka fejn ikun possibbli u l-iffrankar li jsir jista' jintuża biex jiffinanzja l-proġetti identifikati mil-livell maniġerjali għas-sena ta' wara. Bħala riżultat ta' dan l-eżerċizzju, 17-il linja tal-baġit minn 22 qed juru tnaqqis f'termini reali meta mqabbel mal-baġit tal-2009 u 43.7% taż-żieda tal-baġit għat-Titoli I u II (għall-persunal u għall-bini rispettivament) qed tiġi ffinanzjata permezz ta' allokazżjoni interna mill-ġdid tar-riżorsi.

L-isforzi kontinwi tal-Ombudsman biex jiffranka fuq l-ispejjeż tat-traduzzjoni u tal-interpretazzjoni rriżultaw fi tnaqqis ta' 2.2% tal-baġit għall-2009 meta mqabbel ma' dak tal-2008 u fi tnaqqis ulterjuri ta' 8.6% fl-istimi għall-2010 meta mqabbel mal-baġit tal-2009.

L-Ombudsman iffranka wkoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-pubblikazzjonijiet prinċipali tiegħu, peress li l-linja tal-baġit rilevanti turi tnaqqis (EUR 436,000 fl-2009 u EUR 422,000 fl-2010).

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Iqis li r-riżorsi tal-baġit mitluba mill-Ombudsman Ewropew se jiżguraw li dan tal-aħħar jaqdi l-obbligi tiegħu b'mod adegwat u li jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu b'mod effettiv;
2. Jinnota li l-baġit tal-Ombudsman juri żieda ta' 7.14% (+ EUR 636 120) meta mqabbel mal-baġit tal-2009;
3. Jilqa' favorevolment il-fatt li fl-2008 l-Ombudsman kien kapaċi jagħlaq 355 inkjesta (350 fl-2007 u 250 fl-2006) u b'hekk l-2008 hi l-aħjar sena f'termini ta' għadd ta' inkjesti magħluqa kif ukoll is-sena li fiha ġie propost u aċċettat l-ogħla numru ta' abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet u soluzzjonijiet bonarji;
4. Jifraħ lill-Ombudsman talli żied ir-ritmu tal-eżekuzzjoni tal-inkjesti, bi 52% tal-inkjesti magħluqa fi żmien sena u 68% fi żmien sena u nofs;
5. Jinnota li l-Ombudsman ma ppreżentax talba għal postijiet ġodda għall-2010; jappoġġa t-talba tal-Ombudsman relatata mal-avvanz fil-grad għal ċerti postijiet (3 AST u 2 AD), bil-għan li jippermetti triq normali tal-karriera għall-uffiċjali meritevoli;
6. Jappoġġa t-talba tal-Ombudsman għal żieda sostanzjali tal-appropriazzjonijiet għat-taħriġ, li tkun tippermettilu jimplementa politika ta' taħriġ analoga għal dik ta' istituzzjonijiet oħra;
7. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Ombudsman qiegħed ikompli bil-politika tiegħu ta' ffrankar u allokkazzjoni mill-ġdid, li, bħala riżultat tagħha, għall-baġit tal-2010, 8.1% tal-baġit operattiv qed jiġi allokati mill-ġdid u 17-il linja tal-baġit minn 22 qed juru tnaqqis f'termini reali meta mqabbel mal-baġit tal-2009; jinnota li 43.7% taż-żieda totali fil-baġit għat-Titoli I u II huwa ffinanzjat permezz ta' allokkazzjoni interna mill-ġdid tar-riżorsi;
8. Jilqa' favorevolment il-fatt li l-Ombudsman kien kapaċi jkompli jiffranka fuq l-ispejjeż tat-traduzzjoni u interpretazzjoni u b'hekk inaqas l-ispejjeż b'8.6% meta mqabbel mal-baġit tas-sena preċedenti;
9. Ihegġegħ lill-Ombudsman ikompli l-isforzi tiegħu biex jiffranka u jalloka r-riżorsi mill-ġdid, billi jirrikorri fost oħrajn għal ippjanar pluriennali tal-proġetti biex b'hekk jifrex il-bżonn għall-appropriazzjonijiet u jwettaq allokkazzjonijiet mill-ġdid bejn linji tal-baġit.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	1.10.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 19 -: 0 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Margrete Auken, Simon Busuttil, Giles Chichester, Bairbre de Brún, Pascale Gruny, Roger Helmer, Peter Jahr, Lena Barbara Kolarska-Bobińska, Miguel Angel Martínez Martínez, Erminia Mazzoni, Willy Meyer, Mariya Nedelcheva, Chrysoula Paliadeli, Ernst Strasser, Csaba Sándor Tabajdi, Diana Wallis, Angelika Werthmann,
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Sandrine Béliet, Kinga Göncz, Gerald Haefner,
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría,